DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1712

tal-20 ta' Lulju 2018

dwar is-self pubbliku SA.29198 - (2010/C) (ex 2009/NN) mogħti mis-Slovakkja għal Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s. (ZSSK Cargo)

(notifikata bid-dokument C(2019) 4723)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(It-test Slovakk biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq ([1]),

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittra datata l-24 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni informat lis-Slovenja li kienet iddeċidiet li tibda proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward tas-self pubbliku lil Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s. ("id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura").

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura, kif spjegat hemmhekk, waslet wara ilment minn kompetitur anonimu tal-21 ta' April 2009 u notifika magħmula mis-Slovakkja għal raġunijiet ta' ċertezza legali fl-10 ta' Awwissu 2009.

(3) Id-deċiżjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar self pubbliku iżda ma rċeviet l-ebda kummenti bħal dawn.

(4) Permezz ta' ittra datata s-16 ta' Ġunju 2010, is-Slovakkja ppreżentat il-kummenti tagħha fuq id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura.

(5) Il-Kummissjoni bagħtet iktar talbiet għal informazzjoni lill-awtoritajiet Slovakki fit-8 ta' Novembru 2010, it-22 ta' Diċembru 2010, l-14 ta' Ġunju 2011, is-6 t'Awwissu 2012 u l-25 t'Awwissu 2016. L-awtoritajiet Slovakki provdew it-tweġibiet tagħhom fit-6 ta' Diċembru 2012, fl-20 u t-22 ta' Jannar 2011, fil-11 ta' Lulju 2011, fis-17 ta' Settembru 2012 u l-14 ta' Ottubru 2016, rispettivament. Fl-20 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet Slovakki pprovdew preżentazzjoni addizzjonali, li ġiet diskussa f'laqgħa tat-23 ta' Jannar 2018.

([1]) ĠU C 117, 6.5.2010, p. 13.

2. DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-MIŻURA

2.1. Destinatarju (attivitajiet, sjieda, sehem mis-suq eċċ)

(6) Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s. ("ZSSK Cargo") twaqqfet fl-2005 wara li l-operatur Železničná spoločnosť, a.s., inqasa, fi tliet kumpaniji ferrovjarji separati: Železnice Slovenskej Republiky – maniġer tal-infrastruttura, Železničná spoločnosť Slovensko a.s. – traffiku tal-passiġġieri u ZSSK Cargo – trasport tal-merkanzija. Il-Gvern Slovakk kien u jibqa' l-fundatur u l-azzjonist ta' 100 % ta' ZSSK Cargo. Il-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet tar-Repubblika Slovakka jeżerċita d-drittijiet tal-azzjonist tal-Gvern.

2.2. Deskrizzjoni tas-self lil ZSSK Cargo

(7) Is-self ta' EUR 165 969 594,37 li huwa soġġett għal dan il-proċediment ġie awtorizzat permezz tad-Digriet tal-Gvern Nru 173 tal-4 ta' Marzu 2009, u mħallas lil ZSSK Cargo fis-6 ta' April 2009 fuq il-bażi ta' kuntratt konklużfil-31 ta' Marzu 2009 bejn il-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet u ZSSK Cargo ([2]). Is-self ingħata għal perjodu ta' għaxar snin b'perjodu ta' konċessjoni ta' sentejn qabel l-ewwel pagament ta' ħlas lura tal-prinċipal.

(8) Is-self kien mhux kollateralizzat. Ġie mmirat għall-finanzjament tal-pagi u spejjeż oħra għall-persunal, tariffi għall-użu tal-infrastruttura tal-ferrovija u tariffi finanzjarji fil-kuntest ta' tnaqqis sinifikanti tad-dħul operattiv u l-miżuri ta' ristrutturar li għaddejjin u li huma ppjanati, li huwa deskritt aktar hawn taħt. Fil-fatt, is-self ingħata wara rapport imħejji fi Frar 2009 dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija u l-ferroviji tar-Repubblika Slovakka (Železnice Slovenskej republiky) li jiddeskrivi d-diffikultajiet finanzjarji ta' ZSSK Cargo u mehmuża bħala dokument ta' sfond mad-Digriet tal-Gvern Nru 173 tal-4 ta' Marzu 2009.

(9) Ir-rata ta' imgħax varjabbli fuq is-self kienet ibbażata fuq ir-Rata Interbankarja Offruta (EURIBOR) ta' 6 xhur, miżjuda bil-marġini ta' 3,2 % fis-sena. Fis-6 ta' April 2009, ir-rata annwali ta' interessi miftiehma kienet tammonta għal 4,844 % (1,644 % (EURIBOR ta' 6 xhur) + 3,2 % (marġni)). Skont l-awtoritajiet Slovakki, din ir-rata ġiet stabbilita fuq il-bażi tal-opinjoni tal-Aġenzija għall-Ġestjoni tad-Dejn u tal-Likwidità Slovakka, ARDAL ([3]).

(10) L-awtoritajiet Slovakki estendew il-perjodu ta' grazzja inizjali ta' sentejn għall-ħlas lura tal-kapital prinċipali tas-self diversi drabi fl-2011 u l-2012 bi 18-il xahar, wara li kkunsidraw is-sitwazzjoni finanzjarja kontinwa ZSSK Cargo u rrikonoxxew l-isforzi tar-ristrutturar attwali tagħha. Billi l-perjodu oriġinali tal-ħlas lura kien sal-2019, lil ZSSK Cargo ħallset lura s-selfa sħiħa bl-interessi kollha dovuti minn qabel sa Novembru 2015.

2.3. Prestazzjoni operattia u finanzjarja ta' ZSSK Cargo

(11) Il-forniment tas-servizzi ferrovjarji tal-merkanzija fis-Slovakkja infetaħ għall-kompetizzjoni fl-2007, skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE ([4]) li lliberalizzat it-trasport internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija mill-1 ta' Jannar 2006 u s-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija kollha l-oħra mill-1 ta' Jannar 2007.

(12) ZSSK Cargo pprovdiet u għadha tipprovdi t-traffiku ferrovjarju tal-merkanzija waħdu jew abbinat ma' servizzi tat-trasport bit-triq kif ukoll kiri, manutenzjoni u tiswija tal-vetturi ferrovjarji. Sal-2010, 15-il kumpanija tat-trasport tal-merkanzija kienet attiva fir-Repubblika Slovakka. Fl-2008, ZSSK Cargo ttrasportat 44,5 tunnellata ta' merkanzija, li kien jirrappreżenta sehem mis-suq ta' 93,7 % tas-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija Slovakk. Fl-ewwel nofs tal-2009, ZSSK Cargo trasportati 15,3 miljuni ta' tunnellati li jirrappreżentaw sehem ta' 93 % tas-suq tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija Slovakk.

([2]) Il-kuntratt huwa bbażat fuq l-Att Nru 523/2004 tat-23 ta' Settembru 2004, dwar regoli tal-baġit tal-amministrazzjoni pubblika u dwar emendi u supplimenti għal ċerti liġijiet u l-Att Nru 278/1993 Coll. dwar l-Amministrazzjoni tal-Proprjetà tal-Istat, kif emendat.

([3]) ARDAL ġiet stabbilita bħala organizzazzjoni tal-baġit marbuta permezz tal-baġit tal-istat permezz tal-kapitolu tal-baġit tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Slovakka skont l-Artikolu 14 tal-Att Nru 291/2002 Coll. dwar it-Teżor tal-Istat u t-tibdil u l-emendi f'ċerti atti taħt l-Att Nru. 389/2002 Coll. dwar id-Dejn mill-Istat u Garanziji mill-Istat. L-għan u l-iskop tal-funzjonament tal-Aġenzija huwa "*li jipprovdi l-likwidità u l-aċċess għas-suq biex jiffinanzja l-ħtiġijiet tal-Istat b'mod trasparenti, prudenti u kosteffettiv, u, fl-istess ħin, inaqqas l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn matul iż-żmien, sakemm ir-riskji inerenti tal-portafoll tad-dejn jibqgħu f'livell aċċettabbli*" (http://www.ardal.sk/index.php?page=1).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25).

(13) ZSSK Cargo irreġistrat telf għall-ewwel tliet snin wara l-ħolqien tagħha fl-2005 ([5]). Fl-2005 u l-2006 ZSSK Cargo irreġistrat telf nett ta' SKK 428 miljun (EUR 11,3 miljun) ([6]) u SKK 855 miljun (EUR 24,8 miljun) rispettivament ([7]). Fl-2007, ZSSK Cargo rnexxielha tnaqqas it-telf nett tagħha għal SKK 154 miljun (EUR 4,5 miljun). Fl-2008, ZSSK Cargo irreġistrat profitt nett li jammonta għal SKK 83 miljun (EUR 2,4 miljun), li jirriżulta l-aktar mit-tnaqqis tal-kostijiet operattivi b'aktar minn SKK 600 miljun (EUR 17,4 miljun).

2.4. **Is-Sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo meta ingħata s-self**

(14) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Slovakki, fl-2008, l-EBITDA ta' ZSSK Cargo (Qligħ qabel l-Imgħax, it-Taxxa, id-Deprezzament u l-Amortizzazzjoni) żdied b' 6 % meta mqabbel mal-2007 u laħaq EUR 59,8 miljun. Matul l-2007 u l-2008, indikaturi finanzjarji oħra ewlenin (dħul, ekwità, dejn totali) baqgħu stabbli jew tjiebu xi ftit. Il-proporzjon ta' Dejn-Ekwità pereżempju fl-2008 naqas b'6 % għal 43,9 %. Id-*data* finanzjarja ta' ZSSK f'Marzu 2009 użata għall-klassifikazzjoni S&P tippermettilna nikkonkludu li ZSSK ma kinitx ditta f'diffikultà (klassifikazzjoni C) u baqgħet grad ta' investiment (klassifikazzjoni BB).

(15) Ir-rapport annwali tal-2008 ta' ZSSK Cargo madankollu jsemmi li, fl-aħħar kwart tal-2008, l-impatt tal-kriżi ekonomika manifestata kompletament f'domanda mnaqqsa għat-trasport u konsegwentement ikkawżat it-tnaqqis fil-prestazzjoni ta' ZSSK Cargo. Id-dħul mit-trasport ta' merkanzija naqas b'mod sinifikanti b'aktar minn 30 % f'dak il-perjodu. B'konsegwenza ta' dan, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo marret għall-agħar fi tmiem l-2008 u minn hemm' il quddiem. Id-dħul tal-kumpanija naqas bi 38 % fl-ewwel nofs tal-2009 meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2008. Bl-istess mod, ir-riżultat tal-kumpanija naqas minn qligħ nett ta' EUR 22 miljun fl-ewwel nofs tal-2008 għal telf nett ta' EUR 47 miljun fl-ewwel nofs tal-2009.

(16) F'dan il-kuntest, ir-rapport dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija u l-ferroviji tar-Repubblika Slovakka ta' Frar 2009 iddeskriva l-isforzi ta' ristrutturar li ZSSK Cargo kienet diġà wettqet fis-snin 2006–2008. Ir-rapport iddokumenta l-ħtieġa għas-self u inkluda wkoll il-miżuri addizzjonali li ġejjin meqjusa neċessarji biex itejjbu s-sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo: (i) miżuri addizzjonali ta' tnaqqis tal-ispejjeż, (ii) tkeċċija ta' impjegati temporanji, u (iii) ottimizzazzjoni fit-tul tan-numru ta' impjegati u aktar ristrutturar tal-operazzjonijiet ta' ZSSK Cargo. Tnaqqis tal-persunal b'aktar minn 10 % u miżuri oħra ta' ristrutturazzjoni tal-ispejjeż wasslu għal tnaqqis tal-ispejjeż operattivi b'SKK 600 miljun (EUR 17,4 miljun) fl-2007. Il-miżuri ta' ristrutturar kienu wasslu għal tnaqqis sinifikanti ta' telf fl-2007 u għal riżultat pożittiv fl-2008 minkejja l-ewwel effetti negattivi tal-kriżi lejn tmiem is-sena. Abbażi ta' dawn il-fatti, ir-rapport jikkonkludi li ZSSK Cargo kienet tinsab fi triqitha lejn kompetittività u profitabilità fit-tul u li t-telf finanzjarju mistenni fl-2009 kien ikkawżat l-iktar minn tnaqqis temporanju iżda drastiku fil-volumi tat-trasport minħabba l-kriżi li bdiet mis-sena ta' qabel.

(17) Wara dan, dwar il-prestazzjoni minn sena għall-oħra (tabella hawn taħt), l-introjtu nett baqa' negattiv sew fl-2010. Madankollu, mill-2011 'il quddiem, il-kumpanija kien irnexxielha tnaqqas b'mod sinifikanti t-telf bi dħul imnaqqas. Fis-snin sussegwenti il-persunal tnaqqas b'44 % sal-2016. ZSSK Cargo rkuprat sal-2013 u issa qed tirreġistra qligħ modest, kif muri fit-tabella.

Iċ-ċifri finanzjarji magħżula ta' ZSSK Cargo 2008–2016

(EUR miljun)

	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Dħul	458	340	378	371	315	369	296	284	278
Profitt	2,7	-126,6	-122,6	-0,3	-23,9	+ 0,3	-5,5	+ 0,8	+ 0,1
L-għadd ta' persunal	10 448	9 826	9 546	8 054	6 822	6 331	6 103	6 027	5 794

Sors: Rapporti Annwali ta' ZSSK Cargo, mogħtija mir-Repubblika Slovakka, disponibbli wkoll (minn 2011) fuq (https://www.zscargo.sk/en/media/annual-reports

([5]) Ir-Rapporti Annwali 2005–2008 huma ppubblikati fuq is-sit web ta' ZSSK Cargo: http://www.zscargo.sk/en/public/press/annual-report/.
([6]) Ir-rata tal-kambju EUR 1 = 37,88 SKK hija ppubblikata fil-ĠU C 336, 31.12.2005, p. 1.
([7]) Ir-rata tal-kambju EUR 1 = 34,435 SKK, hija ippubblikat fil-ĠU C 332, 30.12.2006, p. 1.

2.5. **Kwotazzjonijiet ta' self minn banek oħra u kundizzjonijiet ta' self ieħor minn klassifikazzjoni simili dak iż-żmien**

(18) Qabel ingħata s-self f'Marzu 2009, tliet banek kummerċjali ofrew b'mod indikatti lil ZSSK Cargo self tal-istess ammont (EUR 166 miljun) u perjodu ta' ħlas lura (10 snin) b'rata ta' interess ta' EURIBOR ta' 6 xhur minbarra 295 b.p. ([bank kummerċjali 1]*), 285-300 b.p. skont il-maturità ([bank kummerċjali 2]*) jew 425 b.p. ([bank kummerċjali 3]*) rispettivament, mingħajr ebda kollateral partikolari.

(19) Fil-jum tal-għoti tas-selfa, fil-31 ta' Marzu 2009, madwar 32 kumpanija b'affidabbiltà kreditizja simili (klassifikazzjoni BB) bħala ZSSK Cargo daħlu f'kuntratti ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'perjodu ta' maturità ta' 10 snin fis-swieq finanzjarji. Il-maġġoranza ta' dawn il-kuntratti kellhom rati tal-firxa bejn 305 u 916 b.p ([8]).

2.6. **Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura**

(20) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura minħabba li ma setgħetx teskludi li s-self pubbliku għal ZSSK Cargo kien jinvolvi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni qieset li s-self seta' ingħata fuq termini aktar favorevoli minn dawk ir-rati stipulati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza ([9]), adottata ftit qabel id-deċiżjoni li tagħti bidu għal proċedimenti. Il-Kummissjoni qajmet ukoll dubji rigward il-kompatibbiltà tas-self mas-suq intern, b'mod partikolari, fuq il-punti li ġejjin.

(21) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk is-self kienx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, id-deċiżjoni li jinbdew il-proċedimenti iddubutaw ir-raġunijiet tar-rata tal-imgħax fuq il-bażi ta' EURIBOR ta' 6 xhur minflok ta' IBOR ta' sena stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza kif ukoll il-perjodu ta' grazzja ta' sentejn u l-impatt tiegħu fuq ir-rata tal-imgħax. Il-marġni tal-imgħax (320 b.p.) impost ma jidhirx li qies id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo: bħala kumpanija mingħajr storja tal-kreditu jew kwalunkwe klassifikazzjoni disponibbli u b'diffikultajiet finanzjarji, il-marġni għal self b'kollateral għoli, skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza għandhom ikunu mill-inqas 400 punti bażi, filwaqt li jekk il-livell ta' kollateral huwa baxx, il-marġni għandu jkun ta' 1000 punt bażi.

(22) Id-Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura qajmet ukoll dubji jekk is-self, f'każ li ma jkunx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, ikun jista jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107(3)(b) jew (c) tat-TFUE fid-dawl tar-regoli stabbiliti fil-Qafas Komunitarju temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali ([10]), il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà ([11]) jew il-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għall-impriżi ferrovjarji ([12]).

3. **KUMMENTI MIS-SLOVAKKJA**

(23) L-awtoritajiet Slovakki jsostnu li s-self ingħata fuq termini tas-suq mill-Istat bħala azzjonist prudenti u għalhekk ma fih ebda element ta' għajnuna mill-Istat.

(24) L-ewwel nett, l-awtoritajiet Slovakki jsostnu li fl-istess sitwazzjoni, kwalunkwe azzjonist raġonevoli kien jagħti s-self lill-kumpanija. L-awtoritajiet Slovakki jsostnu li huwa probabbli li l-azzjonist ikun ta self skont il-kundizzjonijiet tas-suq bl-użu tar-rata tal-imgħax fl-aktar limitu baxx offrut mill-banek fuq self b'parametri simili. Inkwantu għall-interess tal-azzjonist, dan ma jagħtix is-self għan-negozju ta' kumpanija tiegħu stess b'interess għoli wisq, minħabba li dan jista' jitfa' piż sproporzjonat fuq il-kumpanija, li sussegwentament tista' twassal għal frustrazzjoni tal-għan tas-self għan li normalment jintuża biex inaqqas il-problemi ekonomiċi temporanji jew ikompli jiżviluppa n-negozju tal-kumpanija. Fil-fatt, l-azzjonist tal-kumpanija primarjament jixtieq li l-kumpanija tagħmel profitti fil-perjodi li jmiss u

([8]) Bażi tad-*data* S&P Capital IQ Platform https://www.capitaliq.com. Is-CDS huwa ftehim dwar swap finanzjarju li l-bejjiegħ tas-CDS se jikkumpensa lill-akkwirent (normalment il-kreditur tas-self ta' referenza) fil-każ ta' inadempjenza fuq is-self (mid-debitur). Fi kliem ieħor, il-bejjiegħ tas-CDS jassigura lill-akkwirent kontra ċertu inadempjenzi fuq is-self ta' referenza. Dan l-istrument bħala tali huwa rilevanti biex tingħata indikazzjoni ta' xi jkun ir-riskju ta' primjum/tariffa ta' garanzija li operatur tas-suq ikun jeħtieġ biex jiġi żgurat ir-riskju ta' inadempjenza fuq self.
Informazzjoni kunfidenzjali.

([9]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

([10]) ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1.

([11]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

([12]) ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13.

konsegwentement mhuwiex interessat li jaqla' imgħax fuq is-self mogħti lill-kumpanija tiegħu stess taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, iżda minflok irid jappoġġa n-negozju tal-kumpanija biex jagħmel profitt li minnu jkun jista' mbagħad iħallas id-dividendi.

(25) It-tieni nett, l-awtoritajiet Slovakki jsostnu li skont il-projezzjonijiet finanzjarji tal-kumpanija disponibbli fil-mument tal-għoti tas-self, ZSSK Cargo kien ikollha biżżejjed likwidità libera biex tħallas lura s-self tul perjodu ta' 10 snin. Fil-fatt, meta ddeċidiet li tipprovdi s-self, ir-Repubblika Slovakka qieset bir-reqqa l-ammont u l-kundizzjonijiet tal-għoti tagħha lil ZSSK Cargo fid-dawl tal-iżviluppi attwali fis-suq u l-ekonomija, b'kont meħud ukoll tas-suppożizzjonijiet rigward l-aspettattivi futuri. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Slovakka kellha r-rapporti tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet ta' ZSSK Cargo għad-dispożizzjoni tagħha, li fihom ZSSK Cargo iddeskriviet fid-dettall il-miżuri li jagħmlu t-tfaddil li jikkostitwixxi l-prerekwiżit bażiku għal aktar funzjonament tal-kumpanija biex ma ssiibx ruħha f'diffikultà, kif ukoll prerekwiżit biex toħloq opportunità biex tħallas lura s-self. Meta pprovdiet is-self, ir-Repubblika Slovakka kienet qed taħdem fuq is-suppożizzjoni li ladarba jissolvew l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika, l-ekonomija terġa' tibda taħdem, li jkollha wkoll impatt pożittiv fuq is-settur tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, li jirrifletti żieda fil-volum tal-merkanzija trasportata. Ir-Repubblika Slovakka tirrimarka li dawn l-aspettattivi ġew sussegwentement ikkonfermati u ZSSK Cargo irreġistrat żieda fin-numru ta' trasport magħmula f'dawn il-perjodi u għal darb'oħra bdiet tikseb riżultati ekonomiċi tajbin u eventwalment fl-2015 irnexxielha wkoll tħallas lura is-self kollu flimkien mal-interessi, aktar qabel milli stipulat fil-kuntratt tas-self.

(26) L-awtoritajiet Slovakki indikaw ukoll il-fatt li ZSSK Cargo rnexxielha tnaqqas id-djun tagħha fl-2008 bi proporzjon ta' dejn-ekwità li naqas bi kważi 6 punti perċentwali għal 43,9 %. Huma jsostnu wkoll li ZSSK Cargo ma kinitx f'diffikultà u li dik ir-rata tal-imgħax ġiet ikkalkulata mill-Aġenzija pubblika għall-Ġestjoni tad-Dejn u l-Likwidità (ARDAL) u f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza.

(27) It-tielet, l-awtoritajiet Slovakki sostnew li huma ddeċidew dwar it-termini tas-self ibbażati fuq l-offerti ta' tliet banek kummerċjali li kienu ntalbu jissottomettu offerti għall-għoti ta' self bl-istess ammont kif ukoll fuq self ieħor li rċeviet preċedentement ZSSK Cargo.

(28) L-użu ta' rata tal-EURIBOR ta' 6 xhur kienet ibbażata fuq il-fatt li din kienet se tintuża wkoll minn banek kummerċjali li jipprovdi self fuq is-suq. Ir-Repubblika Slovakka għalhekk kienet interessata li tagħti self b'rata ta' mgħax simili għal dik li biha ZSSK Cargo setgħet issellfet fis-suq f'dak iż-żmien, filwaqt li jitqiesu l-aktar kundizzjonijiet favorevoli li setgħu jinkisbu fis-suq. Għalhekk, peress li l-banek privati kienu lesti li jipprovdu self lil ZSSK Cargo b'kundizzjonijiet simili u wieħed mill-banek iddeskriva lil ZSSK Cargo bħala klijent affidabbli u ġust fost dawk l-aktar importanti għalih, l-awtoritajiet Slovakki sostnew li huma aġixxew bħala operatur privat u għalhekk is-self ma jikkostitwixxix vantaġġ finanzjarju u għalhekk ma rriżultax f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli ta' ZSSK Cargo fil-konfront ta' kompetituri oħra.

(29) Ir-raba' nett, f'dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni mingħajr provi ta' ZSSK Cargo, l-awtoritajiet Slovakki argumentaw li ZSSK Cargo ma kinitx tkun kumpanija mingħajr storja ta' kreditu jew klassifika fiż-żmien meta ngħata s-self. ZSSK Cargo kellha storja tal-kreditu relattivament tajba fil-mument tal-provvista ta' assistenza finanzjarja li tista' tiġi rkuprata, u l-banek jipperċepixxu lil ZSSK Cargo bħala klijent affidabbli. Dan ġie rifless ukoll fl-offertu mill-banek kummerċjali ppreżentati lill-Kummissjoni. Dawn l-offerti juru biċ-ċar li l-banek kienu lesti li jipprovdu lil ZSSK Cargo b'self b'kundizzjonijiet simili bħal dawk tar-Repubblika Slovakka, u fir-rigward tal-istorja tal-kreditu u l-affidabbiltà ta' ZSSK Cargo, l-ebda mill-bank ma talbu għal, jew għamlu l-għoti ta' self fuq il kundizzjoni li jkun hemm provvista ta' kollateral minn ZSSK Cargo. Għalhekk, anki fil-każ ta' ZSSK Cargo, il-banek ma jeħtieġu ebda klassifikazzjoni tal-kreditu uffiċjali għall-għoti ta' self normali tas-suq, u l-banek kienu kapaċi jikklassifikaw lil ZSSK Cargo huma stess.

(30) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Slovakki sostnew li anki jekk ikun hemm offerti reali mill-banek ma jkun hemm l-ebda raġuni biex japplikaw metodi alternattivi (ta' referenza) biex jiġi stabbilit jekk is-self ingħatax bil-kundizzjonijiet tas-suq jew le, li japplika wkoll il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza li turi t-termini tal-ftehim tas-self f'konformità tar-rati ta' referenza:

(a) F'dak iż-żmien ir-rata EURIBOR ta' 6 xhur kienet tammonta għal 1,67 %, li flimkien mal-marġni użat (3,2 %) tirrappreżenta r-rata ta' 4,87 %;

(b) il-marġni ta' 3,2 % tikkorrispondi għal marġini li jkunu applikati mill-banek kummerċjali (il-marġni medju skont offerti indikattivi pprovduti mill-banek kummerċjali huwa ta' 3,35 %).

(31) ZSSK Cargo ma kinitx impriża bi klassifikazzjoni għolja jew tajba u ma offriet l-ebda kollateral (f'każ bħal dan il-marġini ta' 100 punt bażi (1 %) jkun biżżejjed), iżda ma jistax jingħad li hija kienet impriża mingħajr storja ta' kreditu jew bi klassifikazzjoni li tirrikjedi marġni ta' mill-inqas 400 punt bażi. Billi dak iż-żmien ZSSK Cargo setgħet tiġi kklassifikata bħala impriża bi klassifikazzjoni tajba ħafna u kollateral baxx, iżda bi storja ta' kreditu li turi l-kapaċità tagħha li tissodisfa l-obbligazzjonijiet tagħha, l-awtoritajiet Slovakki jsostnu li kien raġonevoli li jiġi stabbilit marġni f'konformità mal-metodoloġija speċifikata fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, li jvarja minn 100 sa 220 punt bażi, li jikkorrispondi għall-metodu użat mir-Repubblika Slovakka f'din il-kawża, minkejja li ġiet applikata r-rata EURIBOR ta' 6 xhur bħala l-bażi tal-kalkolu.

(32) F'dan ir-rigward, f'dak iż-żmien, il-banek iffissaw rati ta' mgħax bl-użu tar-rata EURIBOR ta' 6 xhur b'marġni ta' madwar 3 %, jiġifieri b'rati tal-imgħax simili għat-termini tas-self. Ir-rata ta' interess ġiet stabbilita fuq il-bazi tal-valutazzjoni tal-kundizzjonijet tas-suq, inklużi offerti indikattivi ppreżentati mill-banek kummerċjali, jiġifieri li jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq u fuq il-bażi ta' tqabbil mar-rati ta' interess li bihom issellef l-istat (1,5 % fis-sena), li magħhom żdied marġni ta' kreditu ta' 1,7 % kull sena filwaqt li jitqies ir-riskju tal-kreditu ta' ZSSK Cargo, li flimkien jagħmlu marġni ta' 3,2 % fis-sena. Għalhekk, ir-rata ta' interess ġiet stabbilita skont il-kundizzjonijiet tas-suq ta' dak iż-żmien, jiġifieri EURIBOR ta' 6 xhur + marġni ta' 3,2 % fis-sena.

(33) Bħala konklużjoni, ir-Repubblika Slovakka ssostni li hija aġixxiet skont il-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq u b'hekk is-self ma kien jinvolvi ebda vantaġġ għal ZSSK Cargo.

4. VALUTAZZJONI - L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(34) L-Artikolu 107(1) TFUE jistipula li "kull għajnuna, ta' kull forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(35) Għalhekk biex miżura tiġi kkwalifikata bħala għajnuna mill-Istat skont din id-dispożizzjoni jeħtieġ li l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin ikunu ssodisfati: (i) il-miżura trid tkun imputabbli għall-Istat u ffinazjata permezz tar-riżorsi tal-Istat; (ii) din trid tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha; (iii) dak il-vantaġġ irid ikun selettiv; u (iv) il-miżura trid tkun waħda li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u trid taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi, għalhekk, f'dan il-każ, huwa xieraq li l-evalwazzjoni tal-kwistjoni tiġi limitata għall-kwistjoni ta' jekk il-kuntratt ta' self (b'mod selettiv) kienx ta' vantaġġ għal ZSSK.

4.1. Il-qafas legali għall-valutazzjoni tal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku fuq il-kundizzjonijiet tas-suq

(36) Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-applikazzjoni tat-test tal-investitur fis-suq li tippermetti li tiġi evalwata jekk jingħatax vantaġġ ekonomiku li jiffavorixxi indebitament impriża (pubblika), tiddependi fuq jekk l-Istat jaġixxix bħala azzjonist jew bħala awtorità pubblika. L-Istat Membru jrid jistabbilixxi b'mod inekwivoku li aġixxa bħala investitur li jfittex redditu u appoġġ b'elementi oġġettivi u verifikabbli ta' dik il-kompetizzjoni. Dawk l-elementi jridu jkunu kontemporanji għad-deċiżjoni li tingħata l-miżura u juru li d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi simili għal dawk li jwettaq investitur tas-suq bil-ħsieb li jiddetermina l-profittabbiltà tal-investiment ([13]). Kemm l-eżistenza kif ukoll l-ammont ta' għajnuna għandhom jiġu evalwati fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-mument meta jingħata s-self ([14]).

(37) L-aġir ta' investitur tas-suq li miegħu jrid jitqabbel l-intervent tal-investitur pubbliku m'hemmx għalfejn jitqabbel mal- imġiba ta' investitur komuni li jistabbilixxi kapital bil-ħsieb li jkollu profitt fi żmien relattivament qasir. Dan l-aġir għandu, tal-inqas, ikun dak ta' kumpanija possedenti privata jew ta' grupp privat ta' impriżi li jsegwu politika strutturali, kemm jekk ġenerali jew settorjali kif ukoll iggwidata minn perspettivi ta' profittabbiltà fuq bażi itwal ta' żmien ([15]).

([13]) Il-Kawża C-124/10 P *Il-Kummissjoni vs EDF*, EU:C:2012:318, il-punti 81 sa 84.
([14]) Il-Kawża T-318/00 *Freistaat Thüringen vs il-Kummissjoni* il-paragrafu 125,EU:T:2005:363.
([15]) Kawża C-305/89, *ir-Repubblika Taljana vs mill-Kummissjoni* par. 20, EU:C:1991:142.

(38) F'dan il-każ, ir-Repubblika Slovakka ssostni li hija aġixxiet bħala azzjonist prudenti meta tat is-self u pprovdiet l-evidenza li kienet disponibbli għaliha u li hija qieset qabel ma tat is-self (ara t-taqsima 3). Minn dan isegwi li, abbażi ta' dik l-evidenza, il-Kummissjoni għandha teżamina l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv. B'mod partikolari, jekk, f'ċirkustanzi simili u abbażi tal-informazzjoni disponibbli u eżaminata, investitur f'ekonomija tas-suq f'sitwazzjoni kemm jista' jkun qrib dik tar-Repubblika Slovakka, permezz tall-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet kompetenti tiegħu, setax ipprovda finanzjament lil ZSSK Cargo fil-forma ta' self fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għoti tas-self ([16]).

(39) Dan l-eżami jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk it-termini tas-self mogħti mir-Repubblika Slovakka għall-benefiċċju ta' ZSSK Cargo tawx vantaġġ ekonomiku selettiv lil din tal-aħħar, dejjem taħt kundizzjonijiet li ZSSK Cargo ma kenitx tikseb fuq is-suq. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari s-sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo u l-iżviluppi prevedibbli fil-mument tal-għoti tas-self, il-pożizzjoni azzjonarja tar-Repubblika Slovakka u l-kundizzjonijiet previsti tas-self.

(40) Għalhekk il-prova rilevanti hija jekk operatur tas-suq fil-pożizzjoni tar-Repubblika Slovakka kienx jagħti s-self taħt l-istess termini f'Marzu 2009. L-operatur rilevanti għall-valutazzjoni mhuwiex bank kummerċjali bi ftit jew l-ebda relazzjoni ta' kreditu fil-passat li jagħti self kummerċjali iżda huwa investitur tas-suq bħala l-unika azzjonist ta' ZSSK Cargo u li qed jagħti s-self bil-ħsieb li jippermetti lill-kumpanija kkontrollata tiegħu li tissodisfa l-ispejjeż operatorji wara t-tnaqqis f'daqqa u mhux mistenni fl-attività u d-dħul tiegħu.

(41) F'dan l-eżami, il-fatt biss li ZSSK Cargo kien kapaċi jħallas lura s-self kollu erba' snin qabel it-terminu oriġinali fl-2015 u li rreġistra profitti operattivi wara dan, ma jippermettix il-konklużjoni li suq mutwanti li jaġixxi minflok il-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet ikun ta self b'garanzija raġonevoli ta' ħlas lura. Il-ħlas lura kmieni waħdu jikkonferma, *ex post*, r-raġonevolezza tal-evalwazzjoni magħmula mill-azzjonist/kreditur pubbliku fuq il-bażi tal-informazzjoni li kienet disponibbli u eżaminata qabel ma ngħata s-self u mhijiex deċiżiva biex tikkonkludi b'mod pożittiv li operatur ieħor kien jagħti wkoll l-istess self.

4.2. **Il-valutazzjoni tas-self lil ZSSK Cargo**

(42) L-ewwel nett, l-evidenza li ingħatat fil-proċedimenti turi li tliet banek kummerċjali ofrew b'mod indikattiv lil ZSSK Cargo self tal-istess ammont (EUR 166 miljun) u perjodu ta' ħlas lura (10 snin) b'rata ta' interess ta' EURIBOR ta' 6 xhur minbarra 295 b.p. ([bank kummerċjali 1]*), 285-300 b.p. skont il-maturità ([bank kummerċjali 2]*) jew 425 b.p. ([bank kummerċjali 3]*) rispettivament, mingħajr ebda kollateral partikolari. Għalhekk, żewġ banek kummerċjali kienu lesti joffru marġni ta' rati ta' interess aktar baxxi lil ZKKS Cargo minn dawk miżmuma mir-Repubblika Slovakka, jiġifieri 320 b.p. Dawn l-offerti indikattivi kienu magħrufa u ġew eżaminati mir-Repubblika Slovakka b'ħarsa lejn l-istabbiliment tar-rata ta' interess tas-self eżaminat (ara l-premessi 18 u 27). Għalhekk, ir-rata ta' mgħax mitluba fuq is-self pubbliku ġiet ddeterminata bil-ħsieb li u f'konformità mar-remunerazzjoni li kienet xierqa għal selliefa privati tas-suq.

(43) Il-fatt li s-self kien preveda għal konċessjoni ta' grazzja ta' sentejn għall-ħlas lura tal-kapital prinċipali tas-self, li iktar tard ġie estiż bi 18-il xahar addizzjonali, x'aktarx li ma kienx se jkollu effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tat-termini tas-self. Billi l-interessi fuq l-ammont pendenti tħallsu fuq bażi ta' 6 xhur mill-bidu tal-perjodu tas-self, il-benefiċċju tal-posponiment tal-ħlas lura tal-kapital prinċipali ġie megħlub minn pagamenti ta' imgħax ogħla.

(44) Barra minn hekk, l-offerti indikattivi juru wkoll li l-użu ta' rata EURIBOR ta' 6 xhur kien prattika standard mill-banek privati u b'hekk kien konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq. Dawn il-banek kollha kienu jafu lil ZSSK Cargo bbażat fuq self ipprovdut fis-snin preċedenti u [bank kummerċjali 1] anki ddeskrivew b'mod espliċitu lil ZSSK Cargo fl-offerta tagħha bħala sieħeb affidabbli u ta' min jafdah. Minbarra dawn l-offerti, ZSSK Cargo kellha storja ta' kreditu ma' dawn it-tliet banek kummerċjali kif ukoll ma' oħrajn, kontra l-pożizzjoni preliminari stabbilita fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura.

([16]) Il-kawżi konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja v il-Kummissjoni*, paragrafu 21. EU:C:1994:325.

(45) Fl-aħħar nett, il-parametraġġ referenzjarju tat-320 b.p. il-marġni ta' imgħax mitlub għas-self kontra r-rati tas-CDS meta ngħata s-self, kif deskritt fil-premessa 19, juri wkoll li l-marġni tal-imgħax jista' jiġi meqjus bħala li jaqa' fost ir-rati attwali tas-suq għall-kumpaniji bl-istess klassifikazzjoni bħal ZSSK Cargo f'Marzu 2009. Fi kliem ieħor il-parametraġġ referenzjarju tas-CDS ma jikkorroborax id-dubji mqajma fid-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura. Il-konklużjoni li tirriżulta hija li r-rata tal-imgħax effettivament miżmuma ma jidhirx li tat vantaġġ indebitu lil ZSSK Cargo fuq il-kundizzjonijiet tas-suq.

(46) Għalhekk, l-evidenza kollha disponibbli tindika li ZSSK Cargo probabbli kienet tikseb finanzjament fuq termini simili anke minn selliefa kummerċjali privati u b'hekk tneħħi d-dubji mqajma fid-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura. Dan huwa aktar minnu minħabba li operaturi tas-suq simili, kuntrarjament għal dak l-Istat, ma kinux kapaċi, bħala azzjonisti, li jirkupraw kull dħul ipotetikament mitluf mis-self bil-kundizzjonijiet offruti, li allegatament mal-ewwel eżaminazzjoni kienu baxxi.

(47) It-tieni, skont l-evidenza miġbura fil-proċedimenti, meta ngħata s-self, ZSSK Cargo ma kinitx impriża f'diffikultà skont żewġ kriterji kwantifikati tal-linji gwida tal-Komunità tal-2004 dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà (punt 10). Jiġifieri ZSSK Cargo dak iż-żmien ma tilfitx aktar minn nofs il-kapital reġistrat tagħha, li minnu kwart f'dawn l-aħħar 12-il xahar u ma kenitx qed tissodisfa l-kriterji għal proċedimenti ta' insolvenza domestiċi. Barra minn hekk, minkejja n-nuqqas kbir ta' likwidità fl-2009, jidher ukoll li huwa improbabbli li ZSSK Cargo setgħet titqies bħala f'diffikultà skont il-kriterji mhux kwantifikati ta' dawk il-linji gwida (punt 11, pereżempju, dejn dejjem jiżdied, it-tnaqqis jew it-telf totali tal-valur nett tal-assi, kapaċità eċċessiva).

(48) Tabilħaqq, ZSSK Cargo rreġistrat profitt żgħir fl-2008 u t-telf akkumulat minn snin preċedenti (mill-31 ta' Diċembru 2008 jammonta għal SKK 1,452 miljun (EUR 42,2 miljun)) kien għadu relattivament żgħir meta mqabbel mal-ekwità totali ta' aktar minn SKK 13 000 miljun (EUR 377,5 miljun). Anke t-telf sinifikanti rreġistrat sussegwentement għas-sena sħiħa tal-2009 ma jeliminax aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha. Barra minn hekk, id-dejn ta' ZSSK Cargo fil-bidu tal-2009 kien pjuttost modest bi proporzjon ta' dejn ma' ekwità ta' 0,44. Bħala paragun, skont il-Linji Gwida tal-2014 dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (li mhumiex applikabbli għal dan il-każ), il-proporzjon għad-determinazzjoni bħala impriża f'diffikultà skont regoli speċifiċi għal għajnuna lil impriżi f'diffikultà huwa ta' 7,5, jiġifieri, sbatax-il darba ogħla.

(49) Il-klassifikazzjoni ta' ZSSK Cargo fiż-żmien meta ngħata s-self tidher ogħla minn klassifikazzjoni CCC użata għal impriżi f'diffikultà skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 li dwarha kienet ibbażata d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura biex tindika b'mod preliminari li r-rata tal-imgħax effettivament mitluba kienet aktar baxxa milli suppost. Għall-kuntrarju, l-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li ZSSK Cargo kienet tkun ikklassifikata bħala BB, u b'hekk kien ikollha aċċess għal finanzjament bi spiża aktar baxxa minn impriżi f'diffikultà. Barra minn hekk, id-differenza mhux negliġibbli ta' 80 b.p. Bejn it-320 b.p. il-marġni tal-imgħax ta' self pubbliku taħt skrutinju u l-400 b.p. prokura ta' marġini ddeterminat tas-suq għal impriżi kklassifikati BB b'livell baxx ta' kollateral skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 hija ferm inqas mill-140 b.p. id-differenza bejn kwotazzjonijiet attwali ta' rati tal-imgħax tas-self minn banek kummerċjali vis-à-vis ZSSK Cargo prodotta fil-kuntest tal-proċedimenti.

(50) Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-fehmiet preliminarji stabbiliti fid-deċiżjoni li tat bidu għall-proċedura formali, id-differenza fir-rata tal-imgħax ta' self pubbliku meta mqabbla mar-rata tas-suq ta' prokura mogħtija fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 ma tistax tinżamm biex tindika li din tal-aħħar ma kinitx ingħatat f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq.

(51) It-tielet nett, jeħtieġ li jitqies il-fatt li l-Istat kellu (u għad għandu) 100 % mill-ishma ta' ZSSK Cargo. Il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi tal-Istat tal-profitt mistenni mis-self mhumiex limitati għal pagamenti bir-rata tal-imgħax mistennija biss, bħal fil-każ ta' banek kummerċjali, iżda neċessarjament jenħtieġ li jittieħed kont tal-fatt li s-self kien se jtejjeb il-kapaċità ta' ZSSK Cargo li tlaħħaq mal-profitti futuri u b'hekk iżżid jew iżżomm il-valur tas-sehem tal-Istat. Fil-fatt, waħda mir-raġunijiet espliċiti għall-finanzjament kif indikat fir-Rapport tal-2009 kien li jippermetti lil ZSSK Cargo biex tegħleb il-kriżi ekonomika u biex twettaq ristrutturar bil-għan li tinkiseb profittabilità fit-tul, li l-istess rapport jindika li ZSSK Cargo kienet kapaċi tikseb.

(52) Fil-fatt, l-għoti ta' self kien wieħed fost varjetà ta' azzjonijiet u miżuri ta' appoġġ reċiproku mmirati biex jiżguraw soluzzjoni fit-tul lis-sitwazzjoni finanzjarja ta' ZSSK Cargo deskritta fil-premessa 16 u li jinkludu (i), (ii) miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż, sensji ta' impjegati temporanji, u (iii) ottimizzazzjoni fit-tul tan-numru ta' impjegati u aktar ristrutturar tal-operazzjonijiet ta' ZSSK Cargo. Operatur tas-suq prudenti kien jappoġġja wkoll ir-ristrutturar tal-kumpanija kkontrollata b'mod sħiħ tiegħu, peress li kien hemm prospetti realistiċi li s-sitwazzjoni tagħha titjieb. Tabilħaqq, ir-Rapport ta' Frar 2009, imfassal u eżaminati mill-awtoritajiet Slovakki qabel ma ngħata s-self jindika li l-Istat b'mod diliġenti vverifika prospetti futuri għall-iżvilupp ta' ZSSK Cargo, inkluża l-kapaċità tagħha li tiġġenera fluss ta' flus li kienu meħtieġa biex jiġi servut u jitħallas lura s-self, bl-istess mod li kien jivverifika investitur tas-suq jew kreditur prudenti. Bħala kwistjoni ta' fatt, skont il-prospetti u l-informazzjoni disponibbli, l-azzjonist pubbliku għażel li jagħti self rimborsabbli għalkollox, għalkemm b'perjodu ta' grazzja raġonevoli, minflok strumenti finanzjarji alternattivi oħra bħal ekwità (mhux rimborsabbli) jew dejn konvertibbli f'ekwità jew finanzjament ibridu ieħor li seta juri l-antiċipazzjoni tad-diffikultajiet ta' ZSSK li tirrimborża.

(53) Bħalma għamlu azzjonisti privati oħrajn matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet fl-2008, l-eidenza oġġettiva u verifikabbli ppreżentata mir-Repubblika Slovakka turi li, bl-għoti ta' self taħt eżami, il-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet xtaq jaġixxi u effettivament aġixxa fil-kapaċità tiegħu ta' azzjonist li jżomm kapaċità azzjonarja potenzjalment prezzjuża permezz tat-tħaddim kontinwu ta' ZSSK Cargo f'ambjent kummerċjali diffiċli karatterizzata minn tnaqqis kbir fil-volumi tal-merkanzija u appoġġa l-kontinwazzjoni tal-kumpanija li ppermettilha twettaq ristrutturar, kif fil-fatt ġara.

4.3. **Konklużjoni**

(54) Il-kundizzjonijiet ta' self pubbliku mogħti lil ZSSK Cargo kienu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq u self bħal dan jista' wkoll jingħata minn operatur f'ekonomija tas-suq. Minn dan isegwi li s-self inkwistjoni ma jistax jitqies li (b'mod selettiv) pprefera lil ZSSK Cargo. Minħabba li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE huma kumulattivi, mhuwiex neċessarju li jiġi vvalutat jekk is-self involviex riżorsi tal-Istat, li wassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni, u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Aktar u aktar mhuwiex neċessarju li jiġi eżaminat jekk is-self inkwistjoni jista' jiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) (b) jew (c) tat-TFUE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-self mogħti mir-Repubblika Slovakka lil Železničná Spoločnosť Cargo Slovakia, a.s., li jammonta għal EUR 165 969 594,37 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni